PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2006/0063(CNS)

24.10.2006

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawn l-istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea
(COM(2006)0178 – C6-XXXX – 2006/0063(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur(s) Jean-Marie Cavada

(Proċedura ssimplifikata - L-Artikolu 43, paragrafu 1, tar-Regolament)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawn l-istati fl-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea
(COM(2006)0178 – C6-XXXX – 2006/0063(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0178)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 62, punt 2 a), 66 u 300, paragrafu 2, l-ewwel inċiż, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300, paragrafu 3, l-ewwel inċiż, li bis-saħħa tiegħu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-XXXX),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51, l-Artikolu 83, paragrafu 7, u l'Artikolu 43, paragrafu 1, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, tar-Repubblika ta' l-Islanda u tar-Renju tan-Norveġja.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, li hija l-oġġett tal-konsultazzjoni preżenti, għandha bħala għan l-iffirmar u l-konklużjoni[1], f'isem il-Komunità Ewropea, ta' arranġament bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-modalitajiet ta' parteċipazzjoni ta' dawn l-Istati fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-politika Komunitarja fil-qasam tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni[2] bil-għan li tistabbilixxi ġestjoni integrata li tippermetti li jkun iggarantit livell għoli u uniformi ta' kontroll u sorveljanza ta' persuni, kundizzjoni meħtieġa għall-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.[3]. L-Istati Membri huma kompetenti, permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali, biex jibdew jimplimentaw, fuq livell operazzjonali, ir-regolamenti komuni fil-qasam tas-sorveljanza fil-fruntieri externi. Madanakollu, sabiex tkun iggarantita kooperazzjoni operattiva aħjar bejn is-servizzi nazzjonali, malajr dehret il-ħtieġa li tinħoloq aġenzija Komunitarja, u dan il-proġett kien diġà msemmi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Salonika tad-19-20 ta' Ġunju 2003[4].

L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, imsejħa Frontex, kienet maħluqa fl-2004 fi ħdan il-qafas ta' l-Artikoli 62 (2) (a) u 66 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea u bdiet titħaddem fit-3 ta' Ottubru 2005. Il-ħolqien ta' din l-aġenzija jirrispondi għall-eżigenza li tittejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterjuri ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Il-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' l-Aġenzija ikopri l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera[5] u l-pajjiżi assoċjati ma' l-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen[6], b'mod notevoli n-Norveġja

[1] COM(2006)0178:
[2] Din tikkonċerna l-politika Komunitarja mit-Trattat ta' Amsterdam 'l hawn.

[3] Minn meta sar il-**Kunsill Ewropew ta' Laeken ta' l-14 u l-15 ta' diċembru 2001** iddaħħal il-kunċett ta' "ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni" biex jikkontribwixxi għall-"ġlieda kontra t-terroriżmu, in-netwerks ta' l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin" (punt 42). Il-**Kunsill Ewropew ta' Sevilja tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2002** kien sussegwement approva "Pjan t'azzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea" li ddefinixxa ġabra ta' miżuri li għandhom jittieħdu kemm fuq livell leġiżlattiv u kemm fuq livell operattiv. **Il-programm ta' l-Aja** stabbilixxa stadju ġdid fl-iżvilupp ta' politika Ewropea konnessa mal-fruntieri esterni filwaqt li jitlob li jkun segwit it-twaqqif ta' "ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni" u r-rinforz tal-kontrolli u tas-sorveljanza tal-fruntieri.

[4] Kunsill Ewropew ta' Salonika: Konklużjonijiet tal-Presidenza, 19 - 20/6/2003: Konklużjonijiet tal-Presidenza, punt 14
[5] Il-Kunsill t'Amministrazzjoni hu ffurmat minn rappreżentant ta' kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni. Ara r-regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004, ĠU L349 tal-25.11.2004, l-Artikolu 21. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom l-istatus t'osservaturi imma r-Renju Unit jista' jitlob li jipparteċipa fl-attivitajiet ta' l-Aġenzija jekk il-Kunsill t'Amministrazzjoni jkun jaqbel. Il-Bulgarija u r-Rumanija kienu wkoll mistiedna bl-istess mod biex jipparteċipaw fil-Kunsill t'Amministrazzjoni bħala osservaturi. Fit-30 ta' Mejju 2006, il-viċi president tal-Kunsill t'Amministrazzjoni stieden lill-Iżvezzera tipparteċipa bħala osservatriċi. Meta l-Iżvizzera ssir pajjiż assoċjat ta' l-acquis ta' Schengen, hi se jkollha l-istess status tan-Norveġja u ta' l-Iżlanda.
[6] L-acquis ta' Schengen ikopri, sa llum, tlettax-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea: Franza, il-Ġermanja, il-Belġju, il-Lussemburgu u Pajjiżi l-Baxxi bħala l-Istati fondaturi; imbagħad fis-snin 90, l-Italja ffirmat il-ftehim

u l-Iżlanda.

Dawn iż-żewġ pajjiżi ta' l-aħħar huma assoċjati b'mod integrali ma' l-iżvilupp tal-ftehim ta' Schengen permezz ta' ftehima ffirmata fit-18 ta' Mejju 1999 bejn l-Iżlanda, in-Norveġja u l-UE.[1]. Din l-assoċjazzjoni tippermetti lil dawn iż-żewġ pajjiżi jipparteċipaw fit-tfassil ta' strumenti ġuridiċi ġodda li jkollhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen. L-Aġenzija (Frontex) hija waħda minn dawn l-istrumenti. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004 li ġab il-ħolqien ta' l-Aġenzija, il-pajjiżi assoċjati ma' l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha. L-Artikolu 21, paragrafu 3 ta' dan ir-Regolament[2] jipprovdi li l-pajjiżi assoċjati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen jipparteċipaw fl-attivtajiet ta' l-Aġenzija.

Xieraq li jkun enfasizzat li l-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2004[3] dwar il-proposta ta' regolament tal-Kunsill għall-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni, kien ta l-appoġġ sħiħ tiegħu għal dan.

Iż-żewġ proposti li dwarhom hu kkonsultat il-Parlament Ewropew fil-każ preżenti għandhom il-għan li n-Norveġja u l-Iżlanda jkunu assoċjati mal-Frontex kif ukoll li jirregolaw il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-Aġenzija. Madanakollu, ċerti modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom għandhom ikunu rregolati fi ftehimiet distinti, l-hekk imsejħa "arranġamenti". Din il-proċedura tirrikjedi l-konsultazzjoni tal-Parlament u hija konformi ma' l-ittra ta' l-Artikolu 300 tat-Trattat KE[4] rigward l-eżerċitar ta' kompetenzi Komunitarji fil-qasam tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea, li kienet ingħatat l-inkarigu tan-negozjati mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja, irnexxielha tħejji abbozz t'arranġament fit-18 ta' Mejju 2005. L-arranġament jikkonċentra fuq id-drittijiet ta' vot limitati u eċċezzjonali tar-rappreżentanti ta' l-Iżlanda u tan-Norveġja; il-kontribut finanzjarju ta' l-Iżlanda u tan-Norveġja; il-ħarsien tad-dejta u r-rikonoxximent ta' l-istejtus ġuridiku tal-Frontex fil-liġi Iżlandiża u f'dik Norveġiża.

---

fis-27 ta' Novembru 1990, Spanja u l-Portugall fil-25 ta' Ġunju 1991, il-Greċja fis-6 ta' Novembru 1992, l-Awstrija, fit-28 ta' April 1995, kif ukoll id-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja fid-19 ta' Diċembru 1996. (Il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda hija differenti: f'konformità mal-protokoll anness mat-Trattat ta' Amsterdam, l-Irlanda u r-Renju Unit jistgħu jipparteċipaw jew b'mod sħiħ jew parzjalment fid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen wara vot tal-Kunsill bl-unanimità tat-tlettax-il Stat firmatarju tal-ftehim u tar-rappreżentant tal-Gvern ta' l-Istat ikkonċernat). F'dak li jirrigwarda lill-Istati li saru membri ta' l-Unjoni Ewropea wara l-1 ta' Mejju 2004, huma marbuta permezz ta' l-integralità ta' l-acquis ta' Schengen imma ċerti dispożizzjonijiet mhux se jkunu applikati ħlief fil-mument meta l-kontrolli fil-fruntieri jkunu mneħħija. Is-sitwazzjoni attwali se tkun immodifikata fil-mument ta' l-introduzzjoni ta' l-SIS II li tifforma l-bażi legali għat-twessigħ tas-sistema preżenti SIS għall-Istati Membri l-ġodda.

[1] ĠU L 176 ta' l-10.7.1999

[2] Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004, ĠU L349 tal-25.11.2004

[3] Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta ta' regolament tal-Kunsill għall-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tal-kooperazzjoni operattiva fil-fruntieri esterni (COM(2003)0687 C5-0613/2003 2003/0273(CNS)) C 102 E 28.4.2004, p. 35-480 u ara r-Rapport von BOETTICHER (A5–0093/2004) fuq il-proposta ta' regolament tal-Kunsill għall-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tal-kooperazzjoni operattiva fil-fruntieri esterni (COM(2003)0687 – C5-0613/2003 – 2003/0273(CNS)).

[4] L-Artikolu 300 paragrafu 3, l-ewwel inċiż:

Ir-rapporteur jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għas-suċċess ta' dan l-arranġament li jippermetti lil dawn iż-żewġ pajjiżi jikkontribwixxu biex ikun assigurat koordinament akbar bejn is-servizzi kompetenti ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati parteċipanti fil-qafas tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-furntieri esterni. Ir-rapporteur jixtieq li l-Istati Membri jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex il-proċeduri ta' ratifikazzjoni meħtieġa biex ikunu assoċjati r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja fi ħdan il-Frontex jintemmu mill-aktar fis possibbli.